# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 16 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1911/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Alessandro Runco

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin liri Maltin u tmienja sebghin centezmu (Lm86.78) rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mit-18 ta' April, 1998, sal-1 ta' April, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony J. Vella, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin liri Maltin u tmienja sebghin centezmu (Lm86.78) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR